MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1097/1989/1

**Joseph Urpani**

**Vs**

**Giancinto Bartolo.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz tieghu l-attur ippremetta illi waqt li fit-12 ta' Mejju, 1987, il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tieghu Fiat numru ta' registrazzjoni S-3780 minn go High Street, Santa Venera, bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lill-attur li kien qed jaqsam it-triq.

Premess illi bhala rizultat ta' dana l-incident l-attur sofra danni u feriti ta' natura serja rizultanti f'dizabilita' fizika permanenti;

Permess illi l-konvenut, ghalkemm diversament interpellat biex jersaq u jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni, baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi u ghad-danni konsegenzjali kollha sofferti mill-attur, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi ;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur kif fuq imsemmi, u

3. Tikkundannah ihallas lill-attur kwalsiasi ammont ta' danni hekk likwidat ;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Frar 1989,u interessi legali kontra l-konvenut,

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 6 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident in kwistjoni gara imhabba negligenza ta' l-attur li bl-aktar mod traskurat qabad u qasam st. Joseph High Road, Santa Venera meta l-karozza ta' l-eccipjent kienet vicin hafna, u b'hekk l-attur holoq lill-eccipjent dik li l-Qrati Taghna ikkwalifikaw bhala "emergenza subitanea imprevedibbli li rrendiet impossibli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva" (XLIII,IV, 1027).

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti koll tal kawza u d-dokumenti ezibiti;

Illi b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Frar 1990 fol. 10 Dr. Louis Bianchi gie nominat bhala Perit Legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz.

Illi b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' April, 1991 fol. 14 Dr. Frederick Zammit Maempel gie nominat bhala Perit Mediku biex jassisti lill-Perit Legali.

Illi b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Lulju 1994 fol. 38 Dr. John Pace Balzan gie nominat bhala Perit Mediku biex jassisti lill-Perit Legali.

Illi b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Dicembru 1996 fol 59 Dr. Eric Lapira gie nominat bhala Perit Mediku in sostituzzjoni ta' Dr. John Pace Balzan bl-istess inkarigu

Rat Ir-relazzjonijiet tal-imsemmija periti a fol. 218 u 226;

Rat in-noti tal-partijiet;

**RAPPORT TAL-PERIT LEGALI**

Data ta' l-incident –

L-incident gara fit-12 ta' Mejju, 1987 ghal habta tat-12:30 am wara li kienu thabbru r-rizultati tal-Elezzjoni Generali, meta l-attur kien qed jaqsam St. Joseph High Road, Santa Venera u gie investit mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Dak il-hin kien hemm carcades u traffiku konness ma dawk ic-celebrazzjonijiet.

**Lokalita ta' fejn gara l-incident**

L-incident gara gewwa St. Joseph High Road, hdejn it-Tower Bar, li jinsab hdejn l-Ghassa ta' Santa Venera. L-attur xehed li t-triq hija wahda dritta u wisgha. L-attur ikkonferma li minn fuq il-bankina li hemm faccata tat-

Tower Bar il-vizwali f'dik il-lokalita fiz-zewg direzzjonijiet hija wahda tajba u taghti fit-tul. L-attur u Aldo Urpani kkonfermaw li ftit l-isfel mill-Bar fid-direzzjoni tal-Hamrun kien hemm vetturi pparkjati fuq l-istess naha tal-Bar.

**Responsabilita ghall-Incident –**

Skond il-Perit Legali l-incident gara tort tal-konvenut kif ukoll ta' l-attur imma mhux fl-stess grad. Il-grad ta' responsabilita tal-konvenut hija ferm akbar minn dik ta l-attur. Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut naqsu milli jzommu *proper look out*. Kien f'dak il-mument li l-konvenut ma setghax jara sewwa, meta gie abbaljat bid-dawl *bright* tal-vetturi tal-*carcade* li kienet gejja minn naha tal-Hamrun, li gara l-incident. Il-fatt li wara li Bartolo laqghat lill-Urpani, baqa sejjer u habat ma vettura li kienet ipparkjata mal-genb tat-triq wassal lill Perit legali biex ikkonkluda li mhux biss Bartolo ma setghax jara fejn kien sejjer, imma li wkoll ma kienx minnu li huwa kien naqqas l-ispeed tieghu hekk drastikament meta gie nfaccat bid-dawl bright. Kieku Bartolo kien qed isuq b'dak l-ispeed baxx, huwa kien jieqaf mal l-ewwel hekk kif hass id-daqqa ma Urpani. Wara l-incident Bartolo ammetta li lill Urpani ma kinex rah u ma kienx induna li kien tajjar persuna.

Dwar l-attur il-perit legali jghid li t-triq fejn gara l-incident hija wahda twila u toffri vizwali fit-tul, ghalhekk kemm Urpani kif ukoll Bartolo setghu jaraw lill xulin. Il-fatt li Urpani gie milqut appena nizel mill bankina iffisser li l-vettura ta' Bartolo kienet vicin tieghu meta ghamel hekk u ghalhekk l-attur setgha facilment jarah gejj.

Ghalhekk il-Perit legali kkonkluda li l-konvenut ghandu jbati zewg terzi mir-responsabilita ghall-incident.

**KONTESTAZZJONI TAL-KONKLUZZJONIJIET DWAR RESPONSABILITA'**

Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ma qablux dwar il-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali.

L-attur issottometta li l-Perit Legali bbaza l-konkluzjoni tieghu li l-attur ghandu jbati 1/3 tar-responsabilita’ ghall-incident, esklussivament fuq il-kunsiderazzjoni li l-attur gie milqut bil-vettura tal-konvenut kif appena nizel mill-bankina. Fil-fehma tal-Perit Legali, din il-kunsiderazzjoni, b’referenza wkoll ghall-fatt li t-triq fejn sehh l-incident hija wahda twila u toffri vizwali fit-tul, ghandha titqies bhala indikazzjoni tal-fatt li kieku l-attur zamm a proper look out qabel ma pproceda biex jaqsam it-triq, kien jara l-vettura tal-konvenut gejja fit-triq.

L-attur issottometta li ghalkemm il-Perit Legali kkonstata li, skond l-attur u Aldo Urpani, jirrizulta li kien hemm vetturi pparkeggjati fuq l-istess naha tat-triq fejn kien niezel l-attur, il-Perit Legali xorta kkonkluda, li l-attur seta facilment jara l-karozza gejja. Una volta stabbilita l-presenza ta’ vetturi parkeggjati, din il-konkluzjoni ta’ vizwali inostakolata, hija ghal kollox skorretta u insostenibbli u ma tista qat isservi bhala l-gustifikazzjoni unika u esklussiva tal-konkluzjoni li l-attur ghandu jigi tenut responsabbli fi kwota ta’ 1/3 ghall-incident, kif proposta mill-Perit Legali. B’referenza partikolari ghat-testimonjanza moghtija mix-xhieda, fil-hin tal-incident kienu qeghdin iharsu direttament lejn id-direzzjoni tal-attur meta kien qed jaqsam, li minn imkien ma jirrizulta li l-vettura tal-konvenut giet jew setghet ragjonevolment tigi, osservata tavvicina l-post ta l-impatt qabel mal-attur gie investit.

Kwantu ghas-sottomissjoni li l-viswali setghet kienet ostakolata b’xi karozzi pparkjati, il-Qorti tirrileva li mix-xhieda prodotta ma giex stabbilit jekk il-karozza kinitx lura jew l-isfel mill-hanut (ara xhieda Doris Urpani a fol 148). Inoltre anke kieku kien hemm karozzi pparkjati u l-attur kien ser jasam minn hdejnhom  id-duty of care tieghu kien ikun akbar ghax kien ikun qed johrog minn wara ostakolu ghal linja tat-triq tal-konvenut. Imma l-aktar punt importanti huwa li l-attur stess jammetti li hu hares mid-direzzjoni minn fejn kien gej il-konvenut u f’dika d-distanza ma rah xejn. Mela, wiehed jistaqsi minn fejn gie il-konvenut, biex f’dik id-distanza kollha ma rahx?  Kwantu ghax-xhieda prodotta mill-attur kollha donnhom raw lill attur ihares

naha u ohra imma ezatt x'ghamel wara mhux kollha kien f'posizzjoni li jghidu, partikolarment kif qasam l-attur. Inoltre l-ebda wiehed minnhom ma qal li ra xi karozza gejja minn naha ta' Fleur de Lys. Dana meta kien bil-lejl u d-dawl tal-karozzi jidher minn hafna l-boghod u qabel ma tidher il-karozza.

Minn naha l-ohra l-konvenut issottometta li dwar ir-responsabilita hu ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-Perit Legali li l-grad ta' responsabilita tal-konvenut hija ferm aktar minn dik ta' l-attur. L-attur hareg bl-addogg mill-Bar minn fejn kien mar jixtri s-sigaretti u qabad u qasam it-triq minghajr ma hares. Kien l-attur li bl-agir tieghu holoq emergenza subitanea imprevedibbli li rrendiet impossibli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evasiva.

Il-kaz li fih id-driver jista jkun ezentat mir-responsabilita', hu dak biss li fih il-pedestrian, b'xi att inaspettat jew subitaneu jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu jkun qieghed lid-driver f'posizzjoni li anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.

App. Krim Il-Pulizija vs C.Mifsud Vol 38 p 859;  Pul vs J.Vella 5.2.66; u Pul vs J.Attard Portughes 10.12.66

"Ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll <u>id-dover li juza prudenza biex jaqsam.</u> Jekk il-pedestrian ikun negligenti, pero dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghid, dejjem sakemm ma tkunx giet krejata mill-pedestrian lid-driver, bl-imprudenza tieghu, <u>emergenza subitanea imprevedibbli,</u> li rrendiet impossibbli, jew mhux ragjonevolment possibli, azzjoni evaziva tempestiva. (App. Krim Pul vs J.Formosa XL111 p 4 p 1023).

Fil-kaz in ezami l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali. Dan kien kaz ta' self inflicted incapacity da parti tal-konvenut li kien gejj bi speed mhux adattat ghac-cirkostanzi partikolari ta' dak in nhar  u dak il-post stante t-traffiku kaotiku li kien hemm u b'nies fi stat ta' emozzjoni

qawwija wara thabbir ta' rizultat elettorali. Il-konvenut kien abbaljat bid-dawl tal-karozzi gejjin minn faccata u minflok waqaf jew irrallenta hu baqa' sejjer, tajjar lill attur, baqa' sejjer bih distanza ta' xi erbghin pied u dahal f'karozza ohra pparkjata. L-aktar importanti pero huwa li l-konvenut stess jammetti li hu lanqas kien induna li kien tajjar persuna ghalhekk ma jistax ighid li kellu xi sudden emergency li hu ma setghax jevita, jekk lanqas biss induna bl-attur (ghalkemm ighid li rah qabel).

Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali u mal partizzjoni tar-responsabilita' kif maghmula minnu.

**Prova tad-Danni –**

Minhabba l-korriment tieghu l-attur sofra danni materjali u disabilita' permanenti.

**Dammnum Emergens**

Kwantu ghad-dammnum emergens, skond il-Perit Legali, ghalkemm l-attur ma esebiex ricevuti ta' l-ispejjez li ghamel, ma ghandux dubju li imhabba l-griehi serji li sofra l-attur,  d-danni riklamati minnu huma gustifikati. Il-konvenut qatt ma kkontesta dawn l-ammonti u ghalhekk l-ammont riklamat ta' Lm2,179.72 huwa gustifikat. Billi l-attur irid jehel terz tar-responsabilita', huwa jista jitlob biss **Lm1,453.14.**

**Lucrum Cessans**

**Disabilita permanenti**

**Rapporti Medici –**

L-ewwel ezami mediku li kien sar fil-15 ta' Lulju 1991 kien tat-Tabib Frederick Zammit Maempel li kkonkluda wara li kien ezamina lill-attur, sab li l-attur kellu debilita ta' 18%. It-tieni ezami mediku sar mit-Tabib Alec Lapira, li ezamina lill-attur fl-1 ta' Orrubru 1999 u kkonkluda li l-attur kellu debilita ta' 18%.

Skond il-Perit Legali, in vista ta' dawn iz-zewg rapporti medici differenti, il-Perit Legali talab liz-zewg esperti medici jergghu jezaminaw lill-attur biex flimkien jghatu l-opinjoni taghhom dwar l-overall disability ta l-attur. Dan l-ezami sar fl-20 ta' Settembru 2000. Iz-zewg tobba flimkien wara li ezaminaw lill-attur ikkonkludew li huwa kien qed isofri minn **debilita ta' 36%.**

**Likwidazzjoni tad-Danni** –

Il-Qorti ma taqbilx mal-kalkoli li ghamel il-perit legali ghal dak li jirrigwarda il-*multiplier* u l-paga ta' l-attur.

L-attur twieled fil-1947 u ghalhekk illum ghandu 55 sena. Meta gara l-incident l-attur kellu 40 sena u ghalhekk ghall-finijiet tal-kalkoli tal-*multiplier* wiehed irid jahdem fuq perijodu ta' 21 sena, cjoe mid-data ta' l-incident.

Meta gara l-incident fil-1987 l-attur kellu paga ta' Lm3,620.50 fis-sena liema paga kienet tinkludi l-*allowances*. Billi f'dana il-perjodu ta' 21 sena l-attur kien mistenni li jiehu zidied il-Qorti ser tawmenta dina l-figura ghal Lm5,000 fis-sena. It-tobba li ezaminaw lill-attur stabilew li l-*overall disability* tieghu hija wahda ta' 36%. Tenut kont li dan l-incident gara 16 il sena ilu, it-tnaqqis ta' 20% ghal-*lump sum payment* mhuwiex gustifikat.

L-ammont dovut bhala lucrum cessans ghandu jkun likwidat b'dan il-mod:

Lm5000 X 21 X 36% = Lm37,800 – 2/3 tas-somma = Lm25,200

**TOTAL -**

| | |
|---|---|
| Damnum Emergens | Lm 1,453.14 |
| Lucrum Cessan | Lm 25,200.00 |
| | **Lm 26,653.14** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara lill konvenut responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi u ghad-danni konsegenzjali kollha sofferti mill-attur, kwantu ghall zewg terzi tal-htija;

tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fis-somma ta' Lm26,653.14
tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur dana l-ammont hekk likwidat;
bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali pagament;
u bl-ispejjez zewg terzi ghall konvenut u terz ghall-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------